ŻEBBUĠ

**<u>Minuti tal-Laqgħa tad-19/08/2010</u>**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, id-19 ta' Awwissu 2010**

**Ħin: Fit-8.15 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joe Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillieri s-Sur Harry Debono u s-Sur Victor Refalo kienu assenti.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Fl-introduzzjoni tiegħu, is-Sindku f' isem il-Kunsill kollu wera solidarjeta' mal-Kunsillier Camilleri għall-att vandalu li sar fuq il-vettura tiegħu. Is-Sindku għamel referenza għal stqarrija li ntbagħtet lill-istampa mill-Kunsill dwar dan l-att vandalu.

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €130 kull wieħed lit-tlett kenniesa li ser inaddfu t-toroq fil-*weekend* tal-festa.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li Triq Sant Indrija ssir *one way* il-barra (minn Triq Sant Indrija toħroġ fi Triq Ġoma).

Is-Sindku qara ittra mibgħuta minn Emanuel Sultana għan-nom ta' l-operaturi tal-istabbilimenti Piu-39, Unwined, Kyra's Inn, L-Aragosta u Ta' Pennellu biex ipoġġu mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Port. Il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn dwar il-ħruġ ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Port.

Dwar l-ittra li ntbagħtet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-ispiża ta' ġemellaġġ fl-2005, is-Sindku qal nemmen li għandna nagħlqu dan il-każ.

Il-Kunsillier Camilleri qal għadda wisq żmien u staqsa dwar il-preskrizzjoni.

Kien hemm qbil li jittieħed parir legali dwar jekk hemmx preskrizzjoni.

Is-Sindku qal f' dan l-istadju la qed nikkommettu li nħallsu u lanqas li ma nħallsux.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.20 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ**<br>**Sindku** | **Diane Tagliaferro**<br>**Segretarja Eżekuttiva** |